MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 11/2005

**HSBC Home Loans (Malta) u b'nota tat-12 ta' Gunju 2006 HSBC Home Loans (Malta) Ltd (C1000) gie amalgamat f'HSBC Bank Malta p.l.c. b'effett mill-21 ta' April 2006.**

**Vs**

**Mario u Rita konjugi Saliba detenturi tal-karta' ta' l-identita bin-numru 563961M u 553359M rispettivament**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' erbat elef tlett mija u hamsa u erbghin lira Matlin u hames centezmi (Lm4345.05) dovuti kwantu ghal erbat elef u wiehed u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm4021.42) bhala bilanc ta' somma akbar mill-'Home Loan' moghti mis-socjeta' attrici lill-konvenuti u tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u

tlieta u sittin centezmu (Lm323.63) bhala imghaxijiet dovuti fuq l-istess bilanc kalkolati sas-6 ta‘ Lulju 2004 u dana kif jirrizulta ahjar mill-kopja tal-istatement in kwistjoni li qed jigi mmarkat bhala dokument “A”.

Bl-ispejjez, inkuzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Awissu 2004, u bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat “Dok A” a fol 2 tal-atti kif ukoll dak a fol 23 u fol 32 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment u skond il-ligi, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-12 ta' Gunju 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta' Lm4345.05,0 bl-imghaxijiet legali mis-sebgha (7) ta’ Lulju 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Awissu 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------